MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 112/1996/1

Carmelo Vella u Rose konjugi Vella u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 1999 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Josephine, xebba, Lorenza, xebba, Judith mart Noel Vella Zarb, Salvu u Maria mart Raymond Xuereb stante l-mewt ta' Carmelo Vella fil-mori tal-kawza

vs

Eucharist u Josephine konjugi Gauci u Maria Giovanna armla ta' Francis Theuma li permezz ta' nota tat-28 ta' Mejju 1997 Carmelo, Raymond, Giuseppa Sultana, Zarena Attard, Lia Hili, Maria Muscat, Karista Debono u Wenza Camilleri, ahwa Theuma assumew l-atti tal-kawza minflok ommhom Giovanna Theuma li mietet fil-mori

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li tghid:

Illi permezz ta’ kuntratt tat-12 ta’ Mejju 1995 fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech il-konvenuta Mary Jane Theuma bieghet u ttrasferiet lill-konvenuti l-ohra n-nofs indiviz ossia d-drittijiet kollha lilha spettanti fuq porzjon art maghrufa bhala “Ta’ Hamet” sive “Ta’ San Anton” fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex, bil-kejl ta’ mija u sittin metru kwadru (160 m.k.) li  tmiss mill-grigal ma’ beni ta’ Rose Vella, mill-punent ma’ beni ohra tal-konvenuti konjugi Gauci u mil-lvant ma’ beni ta’ Carmela u Nina ahwa Sultana kif murija fil-pjanta annessa ma’ dak l-att (Dok. A);

Illi dak l-att sar frawdolentement u bi pregudizzju ghad-drittijiet ta’ l-atturi in kwantu l-istess art tappartjeni esklussivament lilhom;

Illi din l-art tifforma parti mill-gardina annessa mal-fond numru 40 ta’ Triq Hamet, Xaghra, Ghawdex, u pperveniet lill-attrici mill-eredita’ tal-genituri ta’ l-attrici, Lorenzo u Giuseppa konjugi Curmi li mietu rispettivament fl-24 ta’ Awissu 1951 u fis-6 ta’ Frar 1963 u dan skond testment tat-13 ta’ Dicembru 1943 fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo (Dok. B);

Illi minkejja diversi interpellazjonijiet il-konvenuti naqsu li jersqu ghar-rexxissjoni u thassir ta’ dak il-kuntratt;

Talbu ghaliex m’ghandhiex din l-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-art fuq imsemmija maghrufa bhala “Ta’ Hamet” sive “Ta’ San Anton” fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex, bil-kejl ta’ mija u sittin metru kwadru (160m.k.) li tmiss mill-grigal ma’ beni ta’ Rose Vella, mill-punent ma’ beni ohra tal-konvenuti konjugi Gauci u mil-lvant ma’ beni ta’ Carmela u Nina ahwa Sultana tappartjeni esklussivament lill-atturi;

2. konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt imsemmi maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech tat-12 ta’ Mejju 1995 sar bi pregudizzju ghad-drittijiet ta’ l-istess atturi;

3. konsegwentement ukoll tordna r-rexxissjoni ta' l-istess att;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pperzentata f'Mejju 1995.

Il-konvenuti huma mharka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti.

Rat d-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa l-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti f'liema eccepew:

1. illi d-domandi attrici huma nfondati ghal kollox peress illi mhux veru li l-art meritu ta' din il-kawza giet imhollija lill-attrici mill-genituri taghha bit-testment minnha ndikat tat-13 ta' Dicembru 1943 tan-Nutar Francesco Refalo;

2. illi l-art mertu ta' din il-kawza ma tissemmix fit-testment fuq imsemmi u ghalhekk ghadha in komun bejn il-werrieta ta' Lorenzo u Giuseppa konjugi Curmi, il-genituri ta' l-attrici u l-konvenuta Theuma, jew ta' l-aventi kawza taghhom;

3. illi ghalhekk il-kuntratt ta' trasferiment li l-attrici qeghdha tipprova timpunja u li sar bejn il-konvenuti Gauci u l-konvenuta Theuma huwa validu u d-domandi attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat folio 26 u 72 rispettivament l-legittimazzjoni ta' l-atti stante l-mewt tal-konvenuta Giovanna Theuma u l-attur Carmelo Vella fil-mori tal-kawza;

Semghet u ezaminat ix-xhieda;

Rat n-noti ta’ osservazzjonijietipprezentati mill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Il-bazi tal-vertenza huwa l-kuntratt fl-atti Nutar Enzo Dimech tat-12 ta’ Mejju 1995 (folio 6 u 135) permezz ta’ liema l-konvenuta Mary Jane armla ta’ Francis Theuma bieghet lill-konvenut l-iehor il-kwota ta’ nofs indiviz ‘jew ahjar id-drittijiet kollha’ spettanti lilha tal-bicca raba’ imsejha ‘ta’ Hamet’ sive ‘ta’ San Anton’ sita fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex, li ggib kejl ta’ cirka mija u sittin metri kwadri (160m.k.) u hi deskritta li tikkonfina grigal ma’ beni ta’ Rosa Vella (l-attrici), punent ma’ beni tal-kompratur (il-konvenut Gauci), u lvant ma’ beni ta’ Carmela u Nina ahwa Scicluna. Il-provenjenza ta’ l-art de quo fl-istess kuntratt hi ddikjarata li pperveniet lill-imsemmija konvenuta Theuma mill-wirt u successjoni tal-genituri taghha Lorenzo Curmi, li miet fl-24 ta’ Awissu 1951 u ta’ Maria sive Giuseppa Curmi li mietet fis-6 ta’ Frar 1963.

Ikun fl-loku hawnhekk li tinghata stampa aktar wiesgha tal-fatti li jikkostitwixxu l-isfond tal-vertenza u li dwarhom hemm qbil bejn il-kontendenti. Fil-kuntest ta’ dan jirrizulta, mill-provi u d-dokumenti, li l-porzjon art meritu l-kawza kienet estensjoni ta’ art akbar li kienet tifforma parti mill-beni parafernali ta’ l-imsemmi Lorenzo Curmi. B’testment atti Nutar Francesco Refalo tat-13 ta’ Dicembru 1943 (folio 10) it-testaturi, l-imsemmija Lorenzo u Maria sive Giuseppa Curmi, hallew l-usufrutt reciproku lil xulxin, u minghajr ma istitwew eredi, iddisponew b’titolu ta’ legat in pjena proprjeta’ favur it-tliet uliedhom bniet, favur Giovanna Theuma (il-konvenuta) ir-remissa sita Strada Caccia via Hamed numru 40 bil-mandretta kontigwa ta’ kejl ta’ zewg mondelli konfinanti punent ma’ proprjeta’ ta’ Angela Attard, tramuntana ma’ triq, u lvant u nofsinhar ma’ proprjeta’ ta’ l-attrici Rose Curmi, favur Maria mart Emmanuel Said tlett ikmamar u mandretta annessa ta’

kejl ta' zewg mondelli sita Strada Sant Antonio ta' Casal Caccia li tikkonfina mit-tramuntana ma' proprjeta ta' Angela Attard u punent ma' proprjeta' ta' Giuseppe Grima, u favur l-attrici Rosa Curmi, allura xebba, id-dar (*dwelling house*) sita Strada Caccia via Hamed numru 40 konfinanti tramuntana ma' triq, punent u nofsinhar ma' proprjeta' ta' Giovanna Theuma (il-konvenuta), inkluzi l-mobilja, hwejjeg ta' l-ilbies, annimali u l-effetti kollha ta' deheb u fidda u flus ezistenti fl-imsemmija dar. Stranament, dak li ddisponew it-testaturi in via ta' legat liz-zewgt ibniet, Giovanna u Maria, ikkonfermawh b'kuntratt ta' l-istess data atti l-istess Nutar (folio 224), u antecedentement b'kuntratt tat-23 ta' Jannar 1941 (folio 216) permezz ta' liema gie assenjat lill-imsemmija Giovanna Curmi zewg mondelli mill-istess art, b'konfini differenti u li taghha ssir referenza fit-testment tat-testaturi fuq citat fejn ordnawlha li tirriverti lura l-imsemmija zewg mondelli art. Fid-dawl ta' dan kollu pero' dak li hu ndubitat u li jidher li hu accettat mill-kontendenti hu li dak li ssejjah 'il luogo di case' anness mieghu art li tkejjel erba' mondelli u nofs, akkwistata b'kuntratt tat-28 ta' Ottubru 1918 (folio 112), giet spartita u assenjata lit-tliet ulied bniet kif hawn fuq spjegat. Il-kawza tirrigwarda porzjon minnha tal-kejl ta' cirka mija u sittin metri kwadri (160mk), pari ghal nofs mondello, li tirreferi ghall-kuntratt li l-attrici Roza Vella qeghdha timpunja tramite din l-azzjoni. Il-punt in diskussjoni huwa li skond l-attrici din l-bicca art kienet parti ntegrali addebita bhala gjardina tal-fond legat lilha u ghalhekk kompriza u nvoluta fil-legat, waqt li l-konvenuti jghidu li l-bicca art ma kinitx kompriza fil-legat tad-dar u huma kellhom kull dritt jinnegozjawha kif ghamlu bil-kuntratt tat-12 ta' Mejju 1995, appuntu l-kuntratt li l-attrici qeghdha timpunja bil-prezenti citazzjoni.

Illi t-tezi tal-konvenuti, kif imfissra fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom, hija li gialadarba ma rrizultax li l-art meritu l-kawza giet mhollija lill-attrici bit-testment tal-genituri u lanqas ma' l-attrici ppruvat illi l-art meta sar it-testment mhux biss kienet gia segregata mill-kumplament imma wkoll li kienet accessibbli biss mid-dar mhollija b'legat lilha, juri konklussivament, skond huma, li kwindi mhux minnu illi l-gjardina, ossija l-art meritu din il-kawza,

kienet inkorporata fil-legat tad-dar, b'daqstant li baqghet komuni bejn il-werrieta u konsegwentement setghet tinbiegh mill-konvenuta Theuma lill-konvenut Gauci. Bhala prova deciziva offrew id-denunzji tal-genituri u tliet 'survey sheets'.

Illi bir-rispett kollu din il-Qorti ma tarax li mill-provi li ezaminat u fliet tista' tasal ghall-istess konkluzjoni. Ma taqbilx li anke fuq bazi tal-probabbli u verosimiljanza l-hajt ma kienx jissegrega l-gjardina mill-bqija ta' l-art u di piu' nisslet konvinciment li mhux biss din il-gjardina kienet accessorja ghad-dar izda li kien proprju l-hsieb tat-testaturi li l-legat jikkomprendi din il-gjardina mal-post. Hija wisq sinifikattiva f'dan il-kuntest l-affermazzjoni li kienet ghamlet il-konvenuta Theuma f'xhieda li kopja taghha giet esebita u tinsab folio 66 u qatt michuda.  Din il-Qorti wkoll issibha wisq inverosimili li fil-waqt li tramite t-testment giet spartizzjonata l-art kollha li kienet tkejjel erba' mondelli u nofs, flimkien mad-dar, kienet proprju din il-qata', relattivament minima, li volutament thalliet barra mill-qasma.  Kwindi taqbel mat-tezi ta' l-attrici li l-pozjon art li dwarha sar il-kuntratt meritu ta' dina l-kawza hija inkorporata mal-proprjeta' li thalliet favur taghha bit-testment tal-genituri.

Ghaldaqstant, tilqa' t-talbiet ta' l-atturi, u:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-art maghrufa bhala 'Ta' Hamet' sive 'Ta' San Anton' fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex, bil-kejl ta' mija u sittin metri kwadri (160m.k) li tmiss mill-grigal ma' beni ta' Rose Vella, mill-punent ma' beni ohra tal-konvenuti konjugi Gauci u mil-lvant ma' beni ta' Carmela u Nina ahwa Sultana tappartjeni esklussivament lill-atturi;

2. tiddikjara u tiddeciedi wkoll li l-kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech tat-tnax (12) ta' Mejju tal-elf disa' mija u hamsa u disghin (1965), esebit folio sitta (6), sar bi pregudizzju ghad-drittijiet ta' l-istess atturi;

3. tordna ghalhekk ir-rexxissjoni tieghu.

4. bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------